**Nissieħbu Fih**

Words & Music: Bernard Catania & Peter Paul Zammit
Band: SDC

Hemm dawl jiddi f'għajnejna, li jneħħi d-dalma kollha
Issa ż-żmien li nħallu d-dawl, jurina fejn hi t-triq
Hemm għanja tidwi fina, li tkeċċi d-dwejjaq kollha
Issa ż-żmien biex l-għanja, insemmgħuha kullimkien
Ilkoll flimkien

Hemm nar jaqbad f'ġisimna, li jtaffi l-ifjen kesħa
Issa ż-żmien li nqabbdu n-nar, nissieħbu lkoll flimkien
Hemm riħ jonfoħ madwarna, li jxejjen kull sħab iswed
Issa ż-żmien li nħallu r-riħ, inaddafna lkoll mill-ġdid

Biex kif Kristu ħabb lilna l-bnedmin
Offra ħajtu fuq salib
Hekk inħobbu aħna lil xulxin
U lejH nersqu aktar qrib

**Int li f'qalbna xgħelt l-imħabba għalik**
**Għinna ngħixu magħqudin**
**Kull fejn ngħaddu nkebbsu n-nar mill-ġdid**
**Inkunu xhieda għall-bnedmin**

Hemm ritmu jħabbat b'saħħa, li jheżżeż il-qlub tagħna
Issa ż-żmien li nħallu r-ritmu, imexxina jċaqlaqna hu
Hemm ilma frisk iqattar, li jaqta' l-għatx tan-nixfa
Issa ż-żmien li nwasslu l-ilma, lil kull min għandu bżonn

Biex kif Kristu ħabb lilna l-bnedmin
Offra ħajtu fuq salib
Hekk inħobbu aħna lil xulxin
U lejH nersqu aktar qrib

**Int li f'qalbna xgħelt l-imħabba għalik**
**Għinna ngħixu magħqudin**
**Kull fejn ngħaddu nkebbsu n-nar mill-ġdid**
**Inkunu xhieda għall-bnedmin**